***Kunsill Lokali Marsaskala***
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 21**

**It-Tnejn 22 ta' Frar 2021.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixird tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Errol Cutajar - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**
Ryan Portelli- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**Mario Calleja- Sindku  Janice Falzon-Viċi Sindku Kunsilliera- John B Camilleri, Charlot Mifsud, Patrick Camilleri, Mary Rose Mifsud, Ryan Portelli, John Schembri, Errol Cutajar.**

21.1 ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

21.2 ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 20 li saret Nhar it-Tnejn 11 ta' Jannar 2021:***

21.2.1 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon talbet biex tiġi emendata paġna 2 paragrafu 20.2.4, il-ħames paragrafu fen għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi fl-aħħar laqgħa l-Kunsill qabel illi noħorġu terms of reference u min naħa tagħha hi preparathom għaddiethom lill-Kunsillier Dr. Errol Cutajar fil-vesti ta' avukat biex jara li kienu konformi ma dak li tirrikjedi l-liġi u jiġu diskussi mbgħad mil-Kunsill.*

Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati bħala dokument korrett u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

21.2.2 **Matters arising:**

21.2.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 4 paragrafu 20.3.5 jekk għandiex risposta fuq ir-*road hump* ta' Triq La Sengle.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi ħdejn il-Kappella ma tistax issir u li tlabna lil-Perit tal-Kunsill sabiex tħejji il-pjanti neċessarji. Huwa kompla jgħid illi bilfors ser jitilef parkeġġ wieħed biex issir il-*humped sleeping policeman*.

- ***Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar daħal għal-laqgħa fis-6.20pm***

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq l-isleeping policeman ta' Triq San Gwakkin.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li nitolbu lil *Infrastructure Malta* sabiex jgħamluha huma wara li jlestu it-triq.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li fl-aħħar laqgħa konna approvajna ta' Triq La Sengle iżda jaqbel illi għanda issir waħda fi Triq San Gwakkin anke jekk ma ssirx *humped*. Huwa qal li anke lest li jiltaqa mal-Perit.

21.2.4 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri tkellem fuq paġna 2 paragrafu 20.2.3 għax huwa mhux kuntent kif qed jimxi il-progress tax-xogħol.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi llum komplew ftit xogħol.

Is-Sindku qal li l-kuntrattur infurmah li kien qed jistennew xi ħadid għax-*shutter* għal-fuq is-saqaf tas-sala tal-komunita`.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li tkellem ma sid il-post fejn għanda il-Kunsill preżenti u tagħna *extension* sa Diċembru ta' din is-sena. Huwa qal li iktar tard minn Diċembru ma jistax jagħtina għax huwa marbut biex jibda ix-xogħol. Huwa kompla jgħid illi l-Kunsill ma jistax jmur f'post ieħor għal ftit xhur ghaliex jridu jsiru olterazzjonijiet ta' *cables* u ma tkunx vijabli għal ftit xhur.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk hemmx xi penali.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din il-materja ser tiġi diskussa f'item 5.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu ittra lil-kuntrattur sabiex ninfurmaw bid-dewmien li qed jsir.

21.2.5 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 3 paragrafu 20.2.5 jekk il-Kunsill jistax jieħu pożizzjoni sabiex noħorġu *expression of interest* għal-persuni li jixtieqy jniedu xi proposti għat-tisbieh ta' Marsaskala.

Is-Sindku qal illi l-lokalita` tal-Qala kienu talbu lill-kamra tal-perit biex isiru xi sketches fuq xi proġett li kien ser isir fil-lokal. Huwa qal li dan għandu jsir proġett ħolistiku allura f'kull parti tal-lokal.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li huwa ta' bżonn li jsir proġett ħolistu u ġab l-eżempju il-laqgħa li kellhom ma diversi entitajiet rigward il-maqgħluq fejn kien hemm ħafna diżgwied bejnithom.

Is-Sindku qal li fuq il-materja tal-magħluq hemm bżonn li issir laqgħa magħhom sabiex jiddiskutu aħjar il-pjan tax-xogħol qabel ma jibda madwar xahar iehor għax mhux faċli li tagħlaq Triq tal-Gardiel kif qed jissuġerrixxu huma. Huwa stieden lill-Kunsilliera li minn jixtieq jattedni għal din il-laqgħa jkun preżenti.

Il-Viċi sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li hija tal-opinjoni illi l-kamra tal-perit nvolvuha sabiex jitħejjew il-boq's u toħroġ il-*call for application*.

Is-Sindku qal li jiċċara ruħu għaliex hu ma qalx illi bilfors nqabdu il-kamra tal-periti biex joħorġu bil-proposti iżda li kullħadd jista jitfa l-proposti tiegħu hu minn hu.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li huwa tal-opinjoni li jkun hemm *deadline* ta eżempju xahrejn sabiex kull minn jrid jissottemmetti l-idejat tiegħu. Huwa spejga li dawn mhux biex isiru l-pjanti finali imma biex jissottemmttu l-pjan biss.

Is-Sindku qal li huwa tal-opinjoni illi waħda mill-problemi li għandna fil-lokalita` hija l-ilma baħar li jitla.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li hemm ukoll il-problema tal-parkeġġ. Huwa ġab eżempju ukoll bl-Inwardar għax is-siġar li hemm qed jmutu.

Il-Viċi Sindku is-Sinjorina Janice Falzon qalet li hemmek suppost hemm sistema tar-*irrigation.*

Il-Kunsill qabel li nitolbu *update* fuq l-Inwadar.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi l-Kunsill jista joħroġ sejħa biex jara jekk hemmx xi nies interessati li jgħamlu proposti umbgħad il-Kunsill jissottometti l-proposti lil entitatjiet ikkonċernati għaliex il-Kunsill la għandu l-fondi u lanqas il-jhedd li jgħamel ċertu proġetti.

Is-Sindku qal li għadu kif ikkomunika miegħu ic-*Chairman* tal-Inwadar u qallu li ix-xogħol qed jsir.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ġab eżempju li ħarġet proposta min-naħa tal-gvern li jsiru *campsites* u Marsaskala imsemmija għal żewġ postijiet u qal li l-Kunsill jrid jieħu pożizzjoni u għandu jkun jaf meta joħorġu affarijiet li jolqtu il-lokal ta' Marsaskala.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Jance Falzon qalet lil-Kunsill huwa *stakeholder fil-public consultation.* Hija qalet li għanda l-*link* u ser tibgħata għax hemm *deadline* fuqha.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-Kunsill għandu jkun pro attiv u joħroġ din is-sejħa għal minn hu interessat u wara mmorru bil-proġetti tgħana għand l-entitajiet ikkonċernati. Huwa qal li dan ma jfissirx li l-proġett ser jsir jew li ser jsir fi żmien qasir.

- ***Il-Kunsillier is-Sur MaryRose Mifsud daħlet għal laqgħa fis-6.52pm***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li irridu nara l-*guidelines* ta' x'titlob *expresison of interest* għaliex fil-liġi ma hemmx. Huwa qal li hemm bżonn li nkunu iktar ċari ta' xiex qed jitolbu.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex il-Kunsill jħejju l-*guidelines* u tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

21.2.6 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri satqsa għal *feed back* fuq paġna 3 paragrafu 20.3.3 fuq il-ħsara li hemm fiż-*zebra crossing* tal-pjazza għax għada bil-*wire* mdendel.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bgħatna lil *Smartlight* u qalulna li reġu daħlu lura għax-xogħol issa.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri tkellem ukoll fuq l-arblu nieqes li hemm fi Triq il-Qaliet bil-pannella b'kollox.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li qed nistennew stima l-ewwel sabiex nitolbu rimbors lil *Infrastructure Malta*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri tkellem ukoll fuq iz-*zebra crossing* li hemm fit-telgħa fi Triq il-Qaliet għaliex ix-xogħol sar pero` mhux imqabda.

Il-Kunsill qabel li ngħamlu l-kommunijkazzjoni aħna u nqabdu lis-Sur Noel Zahra.

21.2.7 Il-Kunsillier is-Sur john B. Camilleri staqsa fuq paġna 6 l-ewwel paragrafu għax l-aħħar żewġ laqgħat tal-bord li saru fil-25 ta' Settembru u tat-30 ta' Ottubru 2020 qatt ma kellhom kopja.

Is-Sindku qal li ser jiċċekja mas-Segretarju tal-Bord u jgħaddilhom kopja.

21.2.8 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 11 paragrafu 20.8.5 fuq il-*cameras* tal-*bring in sites*.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi konna qed nistennaw l-approvazzjoni minn TMalta u issa saret l-applikazzjoni għal *metre* tad-dawl.

21.2.9 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 10 paragrafu 20.7.3 fuq it-*tender* tal-Gal Xlokk.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi għada ser tinbagħat l-emendi tal-apllikazzjoni.

21.3 ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

21.3.1 **<u>Sant Antnin Monitoring Committee minutes 35/0393/21/I:</u>**

Is-Sindku spejga li l-aħħar laqgħa li kellhom online mal-*monioring board* tal-iskart kienet laqgħa tajba u spjega li l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ma kienx qed jattendi għal-laqgħat minħabba il-pandemija u min-naħa tar-residenti kellhom laqgħa u talbu li jkun hemm persuna oħra tirrappreżentahom apparti l-Profs Buhagair sabiex tirrappreżenta lir-residenti.

Huwa kompla jgħid li staqsa jekk din il-persuna ma għandiex għalfejn tkun minn Bellavista u peress li l-Profs Buhagair huwa minn Bellavista ukoll, huwa tal-opinjoni li tinħatar persuna mill-*area* tal-Magħluq peress li huma milquta l-istess mill-irwejjaħ u għaldaqstant qed jipprononi lilll-eks Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar.

Il-Viċi Sindku qalet li hija ma taqbilx li tiġi ssuġġerita persuna oħra meta hemm diġa persuna interessata sabiex tirrappreżenta lir-residenti. Hija qalet li tissuġġerrixxi lis-Sur Anthony Camilleri meta dan huwa persuna validu ħafna u diġa intiż f'dan il-qasam.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi s-Sur Anthony Camilleri huwa persuna intiża ħafna u ilhu snin jsegwi r-riċiklaġġ, apparti li dan il-persuna joqgħod Bellavista.

Kien hemm diskussjoni bejn il-Kunsilliera minħabba n-nuqqas ta' qbil li kien hemm fuq il-persuna li għanda tiġi maħtura sabeix tirrappreżenta lir-residenti.

Is-Sindku ssuġġerixxa illi la mhux qed jaqblu fuq il-persuna li għandha tinħatar huwa tal-opinjoni illhi tintgħażel persuna oħra minflokk is-Sur Camilleri u s-Sinjura Cassar.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill l-iktar persuna kompetenti f'dan il-bord huwa l-Profs Buhagair u qal ukoll illi għal dawn l-aħħar diversi snin il-Profs Buhagair qatt ma bgħatilna kont sabiex jitħallas. Huwa qal illi jekk ma jiġiex mgħażul is-Sur Camilleri, l-ilmenti tiegħu xorta ser jibqu jitressqu lil Profs Buhagair sabiex hu jkun jista jressaqhom waqt il-bord kif dejjem sar tul dawn is-snin.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex jitressqu ismijiet ta' nies għas-seduta li jmiss.

21.3.2 **<u>Log Book for van CBX302:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-*log book* tal-van CBX302 għal-perjodu bejn 16 ta' Novembru 2020 sat-22 ta' Jannar 2021.

21.3.3 **<u>Ittra mingħand is-Sur Eric Abela:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra tas-Sur Eric Abela. Huwa qal li fir-rigward fejn issemmha hu u s-Sindku qal li hu ma kienx jaf x'kummetti ser jgħaddi l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri u għaldaqstant ma setgħax jwaqfu u għaldaqstant huwa ma jħossx li naqas fir-rigward tas-Sur Abela taħt il-kappa ta' Segretarju Eżekuttiv. Huwa kompla jgħid illi meta l-Kunsillier is-Sur john B. Camilleri tkellem fuq is-Sur Abela huwa kien qed jitkellem fuq persuna li kienet tifforma parti minn sotto kumitat fi ħdan il-Kunsill ta' Marsaskala u għaldaqstant din il-persuna kienet persuna pubblika. Huwa qal li mhux qed jitkellem fuq l-allegazzjonijiet, dawk ser jirrispondi għalijhom il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri.

Is-Sindku qal illi fl-laqgħa preċedenti kien ġie mitlub sabiex jivverifika mas-Sur Abela jekk kienx iltaqa mal-Għaqda Baħħara u Sajjieda u fil-fatt hekk għamel. Huwa qal illi s-Sur Abela ċaħad li ltaqa mal-Għaqda Baħħara u Sajjieda u talaba li l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri jivverifika ma minn kien tah l-informazzjoni forsi kien hemm tah xi nformazjjoni żbaljata.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li fit-28 ta' Diċembru 2020 is-Sur Abela ltaqa mal-Għaqda Baħħara u Sajjieda u anke hemm il-minuti. Huwa qal illi jekk il-Kunsill jrid jikkonferma dan jista jgħamel dan billi l-Kunsill stess jitlob il-minuti tal-laqgħa u anke kien hemm *site plans*. Huwa qal ukoll illi wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill tal-11 ta' Jannar 2021, is-Sur Abela flimkien ma membru tal-Għaqda Baħħara u Sajjieda u l-President kienu qedgħin fuq is-simenta u anke kellhom xi karti f'idejhom. Huwa qal li għandu d-dritt jfittxu għal malafama

Is-Sindku qal li wara li l-Kunsill talab biex il-kumitat ma jiltaqax, huwa ikkonferma illi dan il-kumitat ma ltaqax pero` ħadd ma jista jżomm lil xi ħadd li persuna titkellem ma persuna oħra.

Is-diskussjoni tkompliet bejn is-Sindku u l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri.

Il-Kunsillier Dr.Errol Cutajar qal illi sa fejn hu dan il-kumitat ma kellux jiltaqa iktar u għaldaqstant l-intervent tal-Kunsillier is-Sur John B. Camillieri kienet floka meta issemmiet din il-persuna li tifforma parti mis-sotto kumitat, u għaldaqstant il-Kunsill għandu jappoġja lill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri.

Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar qal li l-kuntest tal-laqgħa li saret f' Diċembru bilfors trid tiġi diskussa waqt il-laqgħa għaliex din il-materja tikkonċerna lil Marsaskala. Huwa reġa qal li l-problema hija kif inhu kompost dan is-sotto kumitat. Huwa kompla jgħid illi l-kuntest li sehmmiet din il-persuna u anke persuni oħra għaliex is-sotto kumitat mhux suppost kien iltaqa iżda iltaqa xorta.

Is-Sindku reġa qal li bħala sotto kumitat ma kienx iltaqa u jekk din il-persuna iltaqa minn wara dahar is-sotto kumitat huwa ma jafx.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-uniku interess tiegħu huwa l-lokalita` ma hemmx interess ieħor.

Is-Segretarjut Eżekuttiv qal illi l-kontenut ta' din l-ittra ġie innutat u r-risposta tal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ingħata ukoll.

21.4 **<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:</u>**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

21.5 **<u>Rapporti:</u>**

21.5.1 **<u>Approvazzjoni tal-financial statements 2020:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-*financial statments*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk il-fondi tal-UIF rigward il-bini tal-Kunsill hux imdaħlin fil-*financial statements*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi għandhom qed jiddiskutu fuqhom.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tal-*financial statements* 2020 u l-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

21.5.2 **<u>KLM 2020/03 – Tender for the finishes and M&E works within the newly built Marsaskala Local Headquarters using various enviormentally friendly practices:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti ta' *tender* fejn qal illi dan kien *tender* impenjattiv ħafna u wara diversi laqgħat tal-bord t'evalwazzjoni u anke kien hemm persuni tekniċi waqt l-evalwazzjoni il-bord wasal sabiex jgħamel ir-rakkomandazzjoni tiegħu.

| Offer ID | Name of Economic Operator | Price before arithmetical error | Price after arithmetical error |
|---|---|---|---|
| 143400 | Fes Projects Ltd | €524,417.62 | €527,698.43 |
| 143378 | Cieffe Projects Ltd | €420, 525.57 | €547,065.00 |
| 143377 | GMC Malta | €600,467.61 | €600,974.23 |
| 143361 | Bava Holdings Ltd | €514,607.76 | €514,626.51 |

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi GMC Malta u Fes Projects Ltd ġew *technically non compliant* wara li ntbagħatu kjarifiċi u għaldaqstant l-offerta tagħhom ma setgħetx tkompli tkun evalwata.

Is-Segretarju Eżekuttiv jispeċifika illi wara li saru l-*arithmetical errors* u ġew aċċettati kemm minn Cieffe Projects Ltd u kif ukoll mill-Bava Holdings Ltd, l-orħos offerent kien Bava Holdings Ltd.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilelri staqsa kemm huwa t-*time frame* ta' dan it-*tender*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li huwa 34 weeks.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li kif jiġi stabbilit il-*load* tal-eletrikku li ser jkun hemm bżonn tiġi diskussa għaliex jista jkun hemm il-bżonn li ssir xi trinka min-naħa tal-Enemalta u din tieħu iż-żmien tagħha.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li l-importanti li jaderrixxi l-kundizzjonijiet tal-kuntratt.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ppropona l-approvazzjoni tal-offerta KLM 2020/03 lil Bava Holdings Ltd u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

21.5.3 **KLM 2020/04R – Supply of a low emission second hand truck with open box (re-issue)**

| Offer ID | Name of Economic Operator | Price before arithmetical error |
|---|---|---|
| 146756 | Burmarrad Commercials Ltd | €19,720.00 |

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti ta' dan it-tender fejn qal illi din kienet it-tieni darba li ħarġet din is-sejħa u kien hemm offerent wieħed pero` kien *technically non compliant.* Huwa kompla jispjega illi kkomunika mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għaliex ma nistgħux noħorġu t-tielet sejħa bil-possibilita` li ħadd ma jitfa l-offerta tiegħu. Huwa qal li dan isir fid-dipartiment tal-kuntratti fejn jinġibu 4 kwotazzjonijiet minflokk toħroġ sejħa tal-offerti u nibqu fil-budget ta' kemm konna stipulajna fit-*tender*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk għandiex niċċekjaw kemm jiswa vann ġdid u jekk hux possibli jinxtara van li jaħdem bl-eletriku.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li peress li dan huwa il-vann li jgħabbu fih ammont ta' piż ma jaqbielx li nġibuh tal-eletrikku. Huwa qal li eventwalment kif jispiċċa l-vann iż-żgħir li għadna dak nistgħu nġibuh tal-eletrikku.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet illi jekk hux vijabli li imorru għal vann li għandu ċertu snin minħabba l-*fuel*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġiba illi fis-sottomessjoni tat-*tender* konna tlabna li ma jkunx iktar minn 100,000km u għaldaqstant b'hekk ma jkollu ammont ta' snin.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nġibu 4 kwotazzjonijiet.

21.6 **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:**

Ma kienx hemm items oħra.

21.7 **Korrispondenza:**

21.7.1 **SPI/SCI/3/2021 Skema għall-attivitajiet Kulutrali Annwali 2021 (35/0278/21/I):**

Il-Kunsill qabel unanimament illi napplikaw għal *Christmas Village* li jsir f'Diċembru 2021, dejjem f'skond kif ħa tisvolġi l-pandemija tal-Covid. Il-Kunsill qabel li l-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon għanda tagħmel il-*budget* skond kif kien ippjanat għal *Christmas Village* li kellu jsir din il-ġimgħa.

21.7.2 **SPI/SCI/2/2021 Finanzjament għal żvillup u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playingfiels fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex (35/0177/21/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa kien diġa qed jaħdem fuqha iżda l-affarijiet mill-Ingilterra għolew. Huwa kompla jispjega li l-appart tal-*playingfields* jiġu jew mill-Ingilterra jew mill-Asja u fejn qabel *container* kif jiswa €2000 issa sar jiswa €7000 u jekk ser tinħareġ *tender* issa il-valur tat-*tender* ser jkun iktar għoli minħabba dan il-fatt.

Is-Sindku qal li għandna napplikaw għalijom umbgħad naraw x'nistgħu ngħamlu. Huwa qal li il-Leisure Park ta' San Tumas hemm appart li jrid jinbidel.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qablet mas-Sindku.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għalkemm l-apparat li huwa huwa iggalvanizzat huwa tal-opinjoni li jinbidel u jsir tal-injam minħabba l-ementi tal-baħar. Huwa qal ukoll illi ċertu struttrui tat-tfal li huma tal-injam hemm ċertu injam li jrid jinbidel u qed jġib stima rigward dan.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li bħalissa hawn materjal li huwa magħmul minn *carbon fibre* li huwa bsaħtu ħafna.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fil-fatt kien qed jitkellem ma supplier sabiex ir-*raling* jsir minn dan il-materjal u kien ser jkellem lill-MTA.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li dan għandu jsir bħala pjan imfassal ħolistu u mhux jinbidel ir-*railing* biss.

Il-Kunsill qabel li napplikaw għal-iskema.

21.7.3 **Expression of Interest Donation of Palm trees (35/0244/21/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li qed joffru sabiex jitħawlu siġar tal-palm li kien ġie meqrud mil-bumunqar.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li nistgħu nitkellmu mal-Għaqda Baħħara u Sajiieda forsi jitkelmu mal-bdiwa u jkunu jistgħu jtuna xi postijiet fejn jistgħu jitkellmu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn għandhom jitħawlu fi Ġnien Sant'Anna minn fejn kienu inqalgħu.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li anke fis-*central strip* kien hemm minnhom. Huwa qal li kien hemm waħda faċċata tal-banka tal-lottu, ħdejn il-pixxina u Triq il-blajjiet u anke ħdejn il-Magħluq ħdejn ir-razzett.

Il-Kunsill qabel unanimament illi is-Segretarju Eżekuttiv jara l-*application* u jikkomunika mal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri, mal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u l-Viċi Sindku is-Sinjorina Janice Falzon.

21.7.4 **Cir AKL 2021/005 Tahriġ Women in Leadership Level 6 (35/0161/20/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa applika għal-Kunsilliera s-Sinjura Maryrose Mifsud .

Il-Kunsilliera s-Sinjura Maryrose Mifsud qalet li hija marret il-laqgħa u peress li hija diġa għanda l-*masters* aħjar ma tieħux dan il-kors peress li huwa l-istess *modules* li hija diġa għamlet.

Is-Sindku staqsa lil Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon jekk hux interessata illi tapplika għal dan il-kors.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li trid ticcekkja x'*modules* għanda l-ewwel.

Il-Kunsillier is-sur John B. Camilleri staqsa hux dan il-kors għal-Kunsilliera biss jew anke għal istaff.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi kemm is-Sinjura Lucille Bonnici u kemm is-Sinjorina Chantel Zammit mhux interessati pero` ser jistaqsi lil kumplament tal-istaff jekk hemmx xi ħadd interessat.

21.7.5 **<u>Berġa fil-bini amministrattiv tal-Kunsill (35/0127/21/I):</u>**

Is-Sindku spejga illi kellhu laqgħa mal-Ministeru tas-saħħa fejn kien hemm qbil illi meta tissaqqaf il-klinika ser jiġu jaraw il-post. Huwa kompla jispejga illi l-berġa mhux ser tkun klinika illi fejn persuna jweġġa jista jmur hemm, iżda ser tkun klinika fejn ser jaħdmu bis-shift u darba fil-ġimgħa ser jkun hemm tabib.

Il-Viċi Sindku staqsiet għaliex ser jkun hemm tabib darba fil-ġimgħa biss.

Is-Sindku wieġeb illi din ser tkun berġa u mhux *polly clinic*. Huwa qal ukoll illi meta ser jkun ġejjin jaraw il-berġa ser jinforma lil kunsilliera.

21.7.6 **<u>Terms of Reference (35/0093/I):</u>**

Is-Sindku rringrazzja lil Viċi Sindku is-Sinjorina Janice Falzon talli ħejjiet dawn it-*terms of reference* u anke lil Kunsillier Dr. Errol Cutajar u qal illi dawn it-*terms of reference* għandom jinżammu għal meta jiġi iffurmat sotto kumitat ieħor.

Is-Sidnku kompla jgħid illi peress kien hemm xi diżgwid u forsi wkoll xi nuqqas ta ftehim fuq dan is-sotto kumitat u ma kienx hemm deċiżjoni unanima bejn il-Kunsilliera, qal illi wara li ikkomunika mal-membri ġie deċiż illi dan is-sotto kumitat mhux ser jibqa jiffunzjona taħt il-kappa tal-Kunsill. Huwa kompla jgħid illi meta ser jkun hemm problema fil-lokalita` ser jirrikkorri għal Kunsill u mhux għal dan is-sotto kumitat.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi l-Kunsill xorta għandu jkun jaf bil-proposti tagħhom.

Is-Sindku reġa qal li dan is-sotto kumitat mhux ser jibqa jiffunzjoni taħt il-kappa tal-Kunsill u li huwa jista jitkellem mal-membri kif jista jgħamel hulħadd. Huwa qal li anke kieku baqa bħala sotto kumitat taħt il-Kunsill, il-Kunsill kien ser jkun jaf bil-proġetti proposti.

Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar qal li qed jieħu l-impressjoni illi għalkemm mhux ser jiffunzjona taħt il-kappa tal-Kunsill ser jkun qed jiffunzjona xorta. Huwa kompla jgħid illi dawn it-*terms of reference* ġew maħluqa apposta għal dan is-sotto kumitat

Is-Sindku qal forsi jkun ser jsir proġett min-naħa tal-Gvern u jkun hemm bżonn li jinħoloq sotto kumitat u jkunu jistgħu jintużaw dawn it-*terms of reference*. Huwa reġa qal illi dan is-sotto kumitat mhux ser jibqa jiffunzjona taħt il-kappa tal-Kunsill, iżda huwa għandu d-dritt bħal kullħadd illi jitkellem ma kull individwu.

21.7.7 **<u>Bye law 35/02/2020 Karrijiet ecc (35/0326/21/I):</u>**

Is-Sindku qal illi l-Għaqda Baħħara u Sajjieda u dilettanti qed jitoblu sabiex tiġi emendata l-*bye law* tal-karrijiet.

Is-Sindku qal li għanda 30 tabelli ordnata rigward il-*campers* u karrijiet u kampijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Għaqda Baħħa u Sajjieda u dilettanti qed jitolbu sabiex issir emenda fil-bye law sabiex jitħallew karrijiet fuq is-simenta taż-Żonqor ta' Triq San Ġorġ u ta' Triq ix-Xatt.

Is-Sindku qal li l-Għaqda Baħħa u Sajjieda u dilettanti kienu iltaqu miegħu u qalulhu illi għalijhom din l-emenda hija importanti. Huwa qal illi s-simenta kienet daħlet fijha tal-*fisheries* u kienet inqasment f'żoni A, B u C.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi meta kien sar dan il-ftehim kellhom ukoll *area* fi Triq Santa' Tereża u kienu inżebgħu fuq is-simenta fejn jipparkjaw il-karrijiet. Huwa qal ukoll illi f'każ ta' emerġenza ma hemmx minn fejn jgħaddi kif qed jipparkjaw fil-preżent.

Il-Viċi Sindku is-Sinjorina Janice Falzon qalet li fil-preżent pero` ma għadhomx hekk.

Is-Sindku qal illi irridu naraw jew hux ser nemendaw il-*bye law* jew le.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li hu jrid jara l-proposti l-ewwel.

Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar qal li mal-ewwel punt tagħhom huwa jaqbel li titneħħa l-kelma fastidju u issir nkonvenjent għaliex fit-terminu tal-liġi hekk hija.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jitħallew il-karrijiet għad-*day trippers* għaliex il-*bye law* ma speċifikatiex dik.

Is-Sindku qal illi d-*day trippers* bilfors jridu jħallu l-karrijiet. Huwa qal illi huwa kuntenti b'ittra mingħand il-Kunsill. Huwa kompla jgħid illi biex nemendaw il-*bye law* ser terġa tiġi tiswa l-flus.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi huwa qed jitolb li jsiru tabelli.

Is-Sindku qal li mhux problemi li jsiru tabelli.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi l-*bye law* ma g]adniex tinbidel u tiġi speċifikat illi fejn hemm it-tabelli biss għaliex jekk jitħalla karru f'kwalunkwe *area* li hemm fil-*bye law* anke jekk ma jkun hemm tabelli jkun qed jsir ksur ta liġi.

Is-Sindku qal illi mhux is-simenta mhux permessibli illi jħallu il-karru anke għad-*day trippers*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa qed jitolbu illi l-*area* fi Triq iż-Żonqor, Triq San Ġorg, is-simenta Triq ix-Xatt u s-simenta Triq is-Salini jkun hemm tabelli ta *hard standing area*.

Is-Sindku qal illi Triq San Ġorg ma tistax tkun hekk. Huwa qal li tal-opinjoni illi niktbulhom ittra kemm inserhulhom rashom u l-liġi tibqa hekk.

Il-Viċi Sindku qalet illi irridu inkunu ċerti li dawn l-*areas* huma kkonfermati bħala *hard standing areas.* Hija qalet illi għandna nitolbu konferma mingħand il-*fisheries* għaliex jekk dawn l-*area* huma dikjarati bħala *hard standing area* allura jkun dritt tagħhom li jħallu il-karru hemm tad-*day trippers*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li hemm min iħalli l-karru għal xi xahar sħiħ jew iktar u dan ma għandux isir. Huwa qal li day trippers jistgħu jħalluha għal pero` minn inħalliħ iktar minn jumejn mhux permessibli.

Is-Sindku qal illi fit-tabella irrid niktbu illi minn ser iħalli il-karru fil tul jrid jkollu id-dgħajsa fuq il-karru.

21.7.7.1 Il-Viċi Sindku qalet illi hija kienet bgħatet xi ritratti fuq xi karrijiet mitluqa.

Is-Sindku qal li qabel ma naqbdu u neħħu il-karrijiet inwaħlu il-karti.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li ħafna minnhom il-karti imwaħħla minnaħa tat-Tmalta, tal-Kunsill u anke tal-Puluzija u għaldaqstant ma hemmx għalfejn nerġu inwaħlu karti imma naqbdu u ineħħuhom. Hija qalet li kull minn għandom engine number imwaħħal kelmithom biex ineħħuhom u l-oħrajn ineħħuhom.

Is-Sindku qal li nieħdu r-ritratti u anke inġibuha fil-gazzetta tal-gvern u talab lil Viċi Sindku is-Sinjorina Janice Falzon sabiex tara jekk tistax iġġib l-għajnuna tal-*Cleansing Department* sabiex jgħinuna ineħħu id-dgħajes.

Is-Sindku qal illi huwa kien tal-ideja illi fejn kienu jarmaw il-caravans qabel fil-Bajja ta' San Tumas issir pjattaforma tal-konkos ħalli l-karrijiet jpoġġuhom hemm, pero` l-istima ġiet għolja ħafna.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li dik hija art privata ħalli mhux naqbdu u nitfu l-konkos umbgħad wara jkun hemm ir-riperkussjonijiet u fil-passatt kienet anke qalet lil Kunsill minn hu l-propretarju. Hija qalet li għanda il-kuntatt ta sid din il-propjeta` u jekk iridu tista tgħaddijulhom.

Kien hemm qbil illi Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon tgħamel appuntament ma sid din il-propejta ħalli jitkellem mal-Kunsill.

21.7.8 **<u>Attivita` kongunta bejn Marsaskala FC youth nursery u l-Kunsill (35/0288/21/I):</u>**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi fl-assenza tal-attivitajiet qed jitolbu illi l-Kunsill jħallas €50 għal kull *session* bħala kirja tal-grawnd u tal-*coach*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi aħna l-*coaching fee* xorta bqajna inħalsuhom u kien hemm klabbs oħra li talbuna li nħallsu €3000 bġal ma għamilna tal-football. Huwa qal li jekk ser iżiedu l-*capping* ser nistennew li klabbs oħra ser jitolbuna ż-żieda ukoll.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illli minħabba l-*covid* il-*coaching* tal-bniet naqsilhom drastikament u kellhom jgħamlu grupp wieħed forsi għalhekk kienu qed jitolbu iż-żieda. B'hekk hi talbet sabiex ngħamlu kjarifika magħhom jekk hux apaprti it-€3000.

Is-Sindku qal li huwa jaħseb illi li kieku ma talbux għaż-żieda kieku mhux żieda addizjonali mat-€3000.

Kien hemm qbil illi iż-żieda ma tingħatax.

- Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi wara li weħlet ic-*cat houses* fi Ġnien San Tumas hekk kif wara l-approvazzjoni tal-*animale welfare*, u wara ilment mingħand resident li joqħod quddiem il-ġnien, hija kienet resqet il-*cat house*s u peress li dan ir-resident baqa jilmenta għaliex kien qed jkollu il-ħmieġ tal-qtates kemm fuq it-turf u anke fl-*area* tal-pool hija naqset il-*cat houses* għal-2. Hija qalet li diġa kien hemm 2 *cat houses* antiki u dawn ġew mibdula. Hija qalet illi ma tistax taqbad u tneħħi l-*cat houses* u tgħid il-*feeders* sabiex jibdew jitima il-qtates ġo post ieħor għaliex mhux faċli illi idderri il-qtates.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi fejn qedin dawn iż-żewġ cat houses mhux qedin ġo post illi jidrhu għaliex qedin taħt ċint, u hija qed titlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex dawn iż-żewġ cat houses jibqu fejn huma, peress li dan ir-residenti qallha li kien ser jieħu passi legali jekk il-*cat houses* jibqu fejn qedin.

Hija fil-preżent neħħiet il-*cat houses* wara li ċaqalqithom erbgħa darbiet, u tixtieq l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex twaħħilhom darba għal dejjem.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ż-żewġ *cathouses* jitpoġġew taħt iċ-ċint il-parti ta' isfel tal-ġnien.

- ***Il-Kunsillier il-Perit John Schembri ħareġ mill-laqgħa fid-9.45pm***

21.8 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*Petty Cash* ta' Diċembru 2020 u Jannar 2021

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

21.9 **Mozzjonijiet**

21.9.1 **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku- is-Sinjorina Janice Falzon Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri (#058-26/1/21):**

*"Tipproponi li l-Kunsill jissieħeb fis-sistema tal-Online Payments System"*

Il-Kunsill qabel unanimament peress li hija sistema li qed tintuża minn Kunsilli Lokali oħra u għaldaqstant għanda issir laqgħa.

21.9.2 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku- is-Sur Mario Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri (#059-5/2/21):**

*"Jipproponi illi peress li kif tafu għandna problema kbira tal-parking, nibdew niddiskutu mal-Gvern minn issa biex meta jasal biex izarma l-impjant ta` Sant Antnin, isir floku multi storey car park kif ukoll park and ride biex b`hekk ir-residenti kif ukoll dawk li jiġu jzuruna jkollhom fejn jipparkjaw. Hekk nkunu qed ngħinu r-residenti kif ukoll in-negozji tagħna. B`hekk biss nistgħu insolvu l-problema. Naturalment ikun hemm prezz speċjali għar-residenti."*

Il-Kunsill qabel unanimament.

21.10 **Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss:**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fl-10.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar l-Erbgħa 24 ta' Marzu 2021 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 22 ta' Frar 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |